# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf













Numru 69

Lulju - Awwissu 2005



# X'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se Naraw? | 5 |
| Lejla maċ-Ċief eċċ | 6 |
| X'qal iż-żaqqieq | 6 |
| Gallerija | 7 |
| Ambjentalist | 7 |
| Falko | 8 |
| Attività eċċ | 9 |
| Tisliba | 9 |
| Sibtha fix-Xibka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Danube Delta | 11 |
| Rokna beraħ | 12 |




## Ojj Ħbieb!

Min jaf kemm ilkom tisimgħu fuq l-arja tajba li jagħtuna s-siġar, fuq il-frott u l-injam u l-karti u l-mediċini li nieħdu minnhom. Imma s-siġar jagħtuna wkoll xi ħaġa li speċjalment hawn Malta għandna bżonnha ħafna: id-dell!

Veru li x-xemx tagħti l-ħajja lid-dinja, imma tafu wkoll li jekk noqogħdu ħin twil fiha nistgħu nimirdu serjament. Speċjalment fis-sajf. U s-siġar, kif induna Justin (p8), joffru dell iktar mill-aqwa umbrella.

Imma f'Malta ma tantx qisu jimpurtana minn din il-ħaġa. Flok ma jitħawlu iktar siġar, donnu qed issir gwerra kontrihom. Flok bankini dellin bis-siġar li tieħu gost timxi għad-dell tagħhom, kullimkien ċangaturi ħomor (u forsi xi palma, li ma tantx tagħmel dell). Naf toroq fi rħula li darba kellhom ringiela siġar kbar fuq kull naħa. Qatgħuhom kollha u llum il-post sar deżert, b'xemx tikwi l-bjut u taqli t-triq u tixwi n-nies. Jixtru dar bil-ġnien, u jaqtgħu s-siġar kollha biex jagħmlu vaska. B'xi żewġ umbrelel. Għad-dell, hux!

Ma nistax nifhem - ma tgħidx li mxennqin għax-xemx hawn Malta!

U hawn xi kunsilli iffissati biex lis-siġar jaqtgħulhom xagħrhom u jġibuhom forma ta' kaxxa. Tgħid hekk jarawhom iktar puliti? Ġenn totali, għall-inqas fl-opinjoni tiegħi.

Biex ma nsemmix iż-żbir bla sens u l-qtugħ ta' siġar *anke fil-qalba tal-Buskett* (p3).

Jien insomma nibqa' nittama li xi darba nindunaw li qed niġġennu, imbagħad forsi nibdew inħaddru lil Malta bis-serjetà. Ma nafx, intom taħsbuha bħali?

Ċaw ċaw, u ojj! Oqogħdu fid-dell.







**Victor Falzon**
l-editur



Din hija brimba mit-tip li ngħidulu **brimb qabbież** (*jumping spiders* Familja Salticidae). Jismu hekk għax dan il-brimb simpatiku iktar jaqbeż milli jimxi. Fil-fatt il-brimb qabbież jaqbad il-priża tiegħu (dubbien eċċ) mhux fl-għanbuta, imma billi jaqbeż fuqha. F'Malta għandna diversi speċi ta' brimb qabbież, uħud minnhom komuni anke fid-djar tagħna.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magazin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Lulju 2005
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt tal-faċċata: Victor Falzon
Qoxra ta' wara: Dehra mill-Qammieħ, ritratt ta' Desirée Falzon
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**



parti mix-Xagħra l-Ħamra

Ix-**Xagħra l-Ħamra** hija post ħdejn Għajn Tuffieħa fejn hemm tip ta' ambjent jgħidulu **xagħri**. Fix-xagħri tara ħafna blat mikxuf, bi ftit ħamrija fix-xquq u l-ħofor. Imma ħaġa ta' l-iskantament f'dik it-tikka ħamrija jikbru mijiet ta' fjuri selvaġġi, fosthom is-sagħtar.

Imma għal xi nies dan ma jfisser xejn, u jaħsbu li x-xagħri ma jiswiex. Min ħolom biex jibni korsa tal-golf fix-Xagħra l-Ħamra bilfors hekk jirraġuna.



Victor Falzon

## Ħuta ġdida

Bi pjaċir inħabbru ħuta ġdida għal Malta. Din hija l-**budakkra żgħira** (Dalmatian Blenny *Lipophrys dalmatinus*).

Il-ħuta sabha l-ħabib tagħna Mark Anthony Falzon fil-11 Ġunju 2005 huwa u jgħum u jgħarrex bil-maskla fl-inħawi ta' San Luċjan, ħdejn Marsaxlokk.

Il-ħuta nstabet f'baħar baxx ħafna f'roqgħa blat mikxuf b'xi ġebel kbir miksi alga fina. Fil-fatt il-ħuta kienet f'toqba f'waħda minn dawn il-ġebliet. Din it-toqba jgħidulha *piddock hole*. Drawwa ħelwa ta' din il-ħut hija li toqgħod fit-toqba b'rasha u nofs ġisimha barra biex tara x'inhu għaddej, u ma' l-iċken periklu tirriversja f'salt għal ġot-toqba u tisparixxi. Hija ħuta żgħira, xi 4ċm kollox, u dik li ra Mark kienet raġel - ir-raġel ikun skur minn fuq, isfar minn taħt bi strixxi suwed ma' ġismu.

Il-budakkra żgħira hija mifruxa mal-Mediterran kollu, imma għal Malta din kienet l-ewwel rekord.

# DIŻASTRU fil-Buskett

Dan l-aħħar xi nies tal-BirdLife niżlu l-Buskett u raw b'għajnejhom **siġar enormi maqtugħin friski**, siġar li kienu ilhom 100 sena jikbru fil-paċi f'dan il-wied. Il-BirdLife fil-pront ipprotestat fuq din il-ħaġa. Qalulna li s-siġar inqatgħu għax kienu qed iwaqqgħu ħajt tas-sejjieħ. Il-aħwa! Taqta' ġmiel u kobor ta' siġra bħal dik biex taparsi ssalva erba' ġebliet?

**Qegħdin iqaċċtu ħafna liedna**. Il-liedna (ivy) hija pjanta importanti għall-ħajja naturali u tipprovdi ikel u kenn għal tant għasafar u annimali. Staqsejna għaliex qed iqaċċtuha, u qalulna li l-liedna twaqqa'... il-ħitan tas-sejjieħ! Possibli li fil-Buskett il-ħitan tas-sejjieħ biss huma importanti? Barra minn hekk, x'aktarx li l-liedna tipproteġi (mhux twaqqa') l-ħitan għax torbot il-ġebel ma' xulxin u ma tħalli ebda xita tkaxkarhom.

**Qegħdin iqaċċtu arbuxxelli** bħal rand (bay) u deru (lentisk) minn qalb is-siġar. Staqsejna x'fastidju qed jagħtu l-arbuxxelli. Qalulna: Biex jekk ikun hawn nar ma jinfirixx. Sewwa, mela għal ftit għax ma jaqtgħux is-siġar KOLLHA, b'hekk in-nar ma jinfirixx żgur!

Aħna nisperaw li dawn il-ħmerijiet ma nibqgħux nisimgħuhom. Imma li tispera mhux biżżejjed. Għalhekk il-BirdLife qiegħda tistinka biex il-Buskett xi darba jingħata r-rispett li ħaqqu, u nibdew nittrattawh bħala foresta żgħira. Wara kollox ismu hekk ifisser, għax bit-Taljan *boschetto* tfisser *bosk żgħir*.

Imma hawn min qed jimmaġina li l-Buskett huwa xi rawndebawt kbira...



BirdLife Malta

Biċċiet minn siġra kbira tal-pekan (vleġġa) li nqatgħet f'Lulju. U xi ngħidu għal dik il-gaffa għaddejja mill-wied!









Stampa li turi kif kienet issir il-kaċċa għall-balieni fis-Seklu Dsatax

# Ebda ħniena għall-baliena

Darba l-balieni tad-dinja kienu jinqabdu bl-addoċċ. Eluf kbar kienu jinqatlu kull sena, tant li ħafna speċi waslu f'xifer il-qerda. Din l-istorja baqgħet sejra sa nofs is-snin tmenin (1980s).

B'xorti tajba fl-1986 sar **moratorium** fuq il-kaċċa tal-balieni. Dan x'jaħbat? Moratorium jiġifieri l-pajjiżi qablu li jwaqqfu l-kaċċa għal numru ta' snin, ħalli jagħtu ċans il-balieni jirkupraw in-numru.

B'xorti tajba ħafna speċi reġgħu żiedu xi ftit in-numri, u ma nqerdux.

Imma b'xorti ħażina, dan il-ftehim kien jagħti permess li jekk irid pajjiż jista' joqtol xi balieni biex jistudjahom. Il-Ġappun ħataf din l-iskuża, u kull sena baqa' joħroġ bil-*whalers* (vapuri tal-kaċċa) u joqtlu 700 baliena, taparsi biex jistudjawlhom l-istonku!

Ħadd ma belagħha din l-iskuża, għax wara kollox il-laħam tal-balieni baqa' jinbiegħ lir-ristoranti, u bi prezz babaw! U alla jbierek għadu ma deherx x'ħareġ minn dan il-famuż studju xjentifiku. Ħlief li xi sinjuri saru sinjuruni.

ISSA, wara 18-il sena (u l-qtil vili ta' 12,600 baliena), aqtgħu x'ħiex: il-Ġappun ħabbar li se **jkabbar** dan l-istudju. Għalhekk mhux 700 baliena se joqtol, imma 1035!

X'wiċċ tost...



## Gallozz Ġgant



It-**takaħe** *Porphyrio hochstetteri* huwa tip ta' gallozz enormi li jgħix biss New Zealand. Sa 50 sena ilu kienu ħasbuh inqered għal kollox, imma mbagħad reġgħu sabu numru żgħir. B'ħafna studju u kura u protezzjoni, in-numru reġa' tela' għal xi 300 għasfur, u din is-sena jidher li l-popolazzjoni ħadet spinta 'l quddiem, u bejtu iktar pari mis-soltu. Awguri takahe!

# Il-Gżira tal-Ġrieden

**Gough Island** hija gżira daqs nofs Għawdex li tinsab fl-oċean Atlantiku. Fuqha ma jgħixux nies, u hija ġenna ta' l-art għat-tajr tal-baħar. Fuqha jbejtu 20 speċi ta' ċief, kanġi u albatross. Ibejtu bil-gzuz: b'kollox xi 10 miljun għasfur!

Però għandhom problema kbira: il-ĠRIEDEN! Ġrieden kbar qed jattakkaw il-bejtiet u jieklu l-flieles ta' dawn l-għasafar. Peress li dan it-tajr ibejjet fl-art, huwa faċli għall-ġrieden li jsibu l-bejtiet. U qed jeqirdu l-flieles bir-rata ta' miljun fis-sena.


BirdLife Malta Maps

Il-ġrieden mhux minn dejjem kienu jgħixu fuq Gough, imma waslu fuq l-iġfna u l-vapuri tan-nies. Niżlu l-art, żdiedu u għamlu ħerba mill-ħajja naturali tal-gżira. Din ħaġa li spiss tiġri meta annimali jew pjanti barranin jiddaħħlu f'art fejn qatt ma kienu qabel.

L-RSPB (il-BirdLife fir-Renju Unit) qed tistudja biex tara kif se ssolvi l-problema, qabel ma l-ġrieden jeqirdu speċi sħaħ minn wiċċ id-dinja.

Sfortunatament il-Pied Piper ta' Hamelin ħareġ bil-pensjoni! :)

# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.

Hekk kif naqbżu nofs Lulju nibdew naraw l-ewwel għasafar tal-passa tal-ħarifa. U mill-aħħar ta' Awwissu, nistennew li jidher l-ewwel tajr tal-priża, li mbagħad jilħaq l-aqwa tiegħu f'Settembru. It-tajr tal-priża mhux faċli tagħrfu għax kważi dejjem tarah itir fil-għoli u ma tkunx tista' taralu lwien u dettalji.



## il-Kuda

northern wheatear · *Oenanthe oenanthe*

L-ewwel kud jidher għal nofs Awwissu. Il-Kuda fiha daqs għasfur tal-bejt imma faċli taraha għax tħobb toqgħod f'postijiet miftuħa ftit fil-għoli fuq xi blata jew pjanta. Meta titgerrex ittir fil-baxx u aktarx terġa' toqgħod. Għandek mnejn taraha tiġri fuq saqajha wara l-insetti. Hekk kif ittir jolqtok id-denb abjad miftuħ qisu mrewħa u d-disinn iswed li tant jaqta' ma' l-abjad. Il-ġwienaħ jidhru ftit akbar minn ta' tal-Bejt u l-munqar huwa rqiq u tawwali. Minn m'għajnejha jgħaddi faxx sewdieni. Mhix xi għasfur storbjuż għalkemm kultant tinstema' tgħajjat: *ċak ċak*.

(*Għasafar Madwarna* p 28)

## il-Kuċċarda

honey-buzzard · *Pernis apivorus*

Il-kuċċarda hi tajra kbira li spiss tidher f'waħdiet jew fi qtajja'. Tħobb tissaqqar għal ħinijiet twal fi ċrieki kbar bi ġwinħajha miftuħin bla ma ċċaqlaqhom. Jekk taraha ġejja minn quddiem, taralha l-gwienaħ miftuħin dritti (il-bagħdan, li jixbaħ lill-kuċċarda, iżommhom forma ta' V). Denbha ġieli żżommu magħluq u ġieli tiftħu qisu mrewħa, u waqt il-passa ma tinstemax tgħajjat. Jekk tmur fuq il-Buskett wara nofsinhar lejn l-aħħar ta' Settembru għandek ċans tajjeb li tara l-kuċċard, speċjalment jekk tingħaqad mal-grupp berdwoċers tal-BirdLife.

(*Għasafar Madwarna* p 15)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti ta' dawn iż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li tagħmel il-kuda. Grazzi kbira lil Denis Cachia li ħolqilna dan is-servizz.

L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna***. Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U **Lm2.05** biss!



# Is-Siġra u t-Tabella!

Joanne Attard Baldacchino




Dis-siġra qed tiekol tabella! It-tabella kienet bus-stop, u s-siġra li qed "tikolha" jgħidulha dolf (plane tree). Proprjament li ġara hu li waqt li s-siġra kibret, il-qoxra tagħha kibret madwar it-tabella u ftit ftit qed tgħattiha! Ftit snin oħra dik it-tabella tisparixxi għal kollox! Qisha xena minn film tal-fantaxjenza. Ritratt meħud Switzerland.

# Is-Suldat u l-Qattus



Qalb il-bombi u l-isparar fl-Iraq, das-suldat sab xi ħaġa li forsi nessietu għal mument il-kruha tal-gwerra, u f'moħħu reġa' mar lura d-dar...

Desirée Falzon



# Lejla maċ-Ċief

Meta qrajna fil-*Huttafa* bil-ħarġa biex nisimgħu ċ-ċief, mill-ewwel interessajna ruħna, u tlabna lill-ġenituri biex immorru.

Fis-6 Lulju 2005 filgħaxija ltqajna ma' grupp nies membri tal-BirdLife ħdejn l-irdum ta' Ħal Far qrib Għar Ħasan. Magħna ħadna t-tromba, xi karti u pinna ħalli nkunu nistgħu niktbu xi noti żgħar. Wara mixja qasira wasalna fil-lok fejn konna ser nisimgħu ċ-ċief. Wieħed mil-Leaders jismu Victor spjegalna xi affarijiet interessanti dwar iċ-ċief, imbagħad qgħadna nistennew li jidlam, għaliex iċ-ċief huwa għasfur tal-baħar u jersaq lejn l-art fi dlam ċappa. It-temp kien daqsxejn frisk.

Fid-9.30pm smajna l-ewwel twerżiq taċ-ċief. Għalkemm kellna nistennew ftit, meta mbagħad bdejna nisimgħu ċ-ċief ħadna gost ħafna. L-għajat taċ-ċiefa qisu bikja ta' tarbija, speċjalment dik tar-raġel. Il-mara għandha għajta maħnuqa. Kienet esperjenza sabiħa, imma l-isbaħ mument kien meta ċiefa daqsxiex taret eżatt minn fuq rasna.

Din ma kinitx l-ewwel darba li smajna ċ-ċief, imma xorta waħda għoġbitna l-ħarġa u m'aħniex se ninsewha. Nixtieqú li terġa' tiġi okkażjoni bħal din fejn nieħdu sehem f'attività ta' Klabb Ħuttaf.

Edward Bonello (11)
Margherita Bonello (10)




**In-Natura**

**CD ġdida ta' Josephine Ebejer Grech**

Kanzunetti li jittrattaw fjuri u annimali Maltin. Għal aktar tagħrif ċemplu **79066532**


najs
najs

Ftit mill-kummenti li waslulna minn membri li mlew l-istampa taż-żaqqieq li dehret fl-aħħar ħarġa tal-Ħuttafa. Ma stajniex inġibuhom kollha!

Samuel Bartolo (9) Żebbuġ




Jasmine Borg (9) Mellieħa




Owen Scerri (14) Birkirkara




Andrew Wait (9) Fgura





**gardell**
René Dalli
15



**gallozz tax-xitwa**
Martin
Austad 11



**malvizz iswed**
Ludwig
Camilleri 10



**avultun abjad**
Daphne Rizzo 9



**merill**
Matthias
Ebejer 9



**ċiefa**
Jennifer
Hannaford 9



**borka**
Martina Falzon 10



**seqer**
Ruth
Aquilina 13



**ċikonja bajda**
Antoine Bonnici
10



**ċinju**
Dale Brincat 11



**gallina**
Nevice Cascun
10

**Ibagħtulna t-tpinġijiet naturali tagħkom!**
(mhux ta' pets u annimali domestiċi). Tinsewx isimkom u età, u isem l-oġġett.

# AMBJENTALIST

**Oliver Cardona** jagħtina ftit pariri siewja fuq kif nghixu ta' ambjentalisti vera.

## Nuża u nirriċikla!



Waħda mill-aħjar affarijiet li nista' nagħmel biex inkun ambjentalist hi li qabel narmi oġġett nara nsiblux użu ieħor, u jekk ma ma nsiblux, għall-inqas nipprova nirriċiklah.

L-aktar ovvja hi li karti vojta minn naħa waħda nużaha karta raff. Fejn nista', nuża envilops użati. Il-boroż tal-plastik inżommhom u nerġa' nużahom, u meta mmur nixtri ninsisti li ma jgeżwrulix kollox f'borża jew basket. Ħafna reċipjenti tal-plastik bħal tal-butir u l-ġelat jistgħu jintużaw biex nerfa' l-affarijiet fihom, u l-istess ħafna vażetti, fliexken u kaxxi tal-kartun. Nagħżel prodotti li jkunu mgeżwrin fil-karti u mhux fil-ġablo. Il-ġablo mhux faċli tirriċiklah, u jekk jispiċċa fil-baħar tista' tieklu fekruna (għax taħsbu brama) u tmut.

Nipprova nixtri affarijiet magħmulin minn materjal riċiklabbli. Għalhekk infittex dik il-marka ta-tliet vleġeġ u l-kelma *recyclable*

U jekk se narmi, narmi bil-galbu. Illum nistgħu nisseparaw l-iskart. Ħafna kunsilli lokali għandhom skips apposta għal ħġieġ, plastik, karti u metall. Id-dar armajt erba' kaxxi kbar apposta biex nissepara fihom, u meta jimtlewli mmur inbattalhom fl-iskips. Noqgħod attent li qabel narmi fliexken u vażetti tal-ħġieġ, l-ewwel inneħħilhom it-tapp jew l-għatu u ma narmihx mal-ħġieġ. U qabel narmi bottijiet ta' l-ikel u fliexken tad-deterġenti, naħtihom tlaħliha ħafifa u nneħħilhom il-lejbil qabel narmihom.

FAL

Żgħażagħ BirdLife Malta



# Ħbieb Falkuni!

Kont nieżel ngħum u kelli bżonn naqsam it-triq ħafi. Kienu xi 4pm u x-xemx kienet tisreġ.

Malli rfist ma' l-art ħassejt il-qiegħ ta' saqajja jisħon, u sa ma għamilt erba' passi ħassejt saqajja jaqbdu u ma flaħtx aktar. Ġrejt ġirja għal fuq il-bankina u dħalt għad-dell taħt bruka, siġra li tikber ħafna qrib xatt il-baħar (= tamarisk). Hemm sibt id-dell u l-frisk, u l-art ma kinetx taħraq.

Imbagħad ġieni l-ħsieb li dak il-frisk kien hemm għax is-sħana tax-xemx laqgħetha kollha s-siġra! Ħarist ftit madwari u rajt aktar pjanti baxxi u siġar. Kollha dehru f'saħħithom u ħodor. Ta' l-għageb!

Tassew li ħafna mill-pjanti u ħxejjex jinxfu fix-xhur niexfa tas-sjuf tagħna. Imma dawk li jibqgħu ħodor tassew ta' min japprezzahom. Jgħixu fi sħana kbira, bi ftit ilma mielaħ. Fil-fatt, il-weraq tal-bruka jqattar likwidu mielaħ ħafna. Dak ikun il-melħ li tkun tellgħet is-siġra ma' l-ilma.

Minħabba l-kundizzjonijiet iebsa li jikbru fihom, dawn il-pjanti u siġar jikbru bil-mod ħafna. Għalhekk importanti li nibżgħu għalihom. Xi kultant issib xi baħnan li biex itella' tinda f'xatt il-baħar, iqaċċat friegħi sħaħ tal-bruka. Jew inkella jaqtgħu friegħi għall-barbikju (li għalxejn għax ikunu mimlijin ilma u ma jaqbdux).

Insomma, meta tħarsu lejn il-kampanja fis-sajf, ippruvaw apprezzaw il-kapaċità ta' dawn il-pjanti li jibqgħu ħajjin u jħaddru minkejja dik is-sħana u nixfa ndimunjata!

Saħħiet.

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko



Matthew Borg Cardona

# Falko Forestali

Stefan Azzopardi

Ngħiduha kif inhi, is-sajf Malti ma tantx hu żmien ideali biex toħroġ berdwoċing jew biex tmur ħajks biex tgawdi l-kampanja. Bħalissa l-għasafar kollha meħdijin jindokraw il-bejta fl-Ewropa u ma jkollhomx moħħ il-passa waqt li l-kampanja tagħna tkun niexfa qoxqox, għalhekk daż-żmien kulħadd, inkluż aħna tal-Falko, jippreferi xi għawma tajba.

Għalhekk nhar il-Ħadd 3 Lulju 2005 aħna tal-Falko ftehimna li niltaqgħu l-Għadira biex nagħmlu dan. Iltqajna f'xi l-5pm u konna kważi 20, inkluż xi membri ġodda. Imma, ta' żgħażagħ tal-BirdLife li aħna, flok intfajna ngħumu mill-ewwel, tlajna nagħtu titwila lill-proġett li l-BirdLife qed tieħu ħsieb fuq l-għolja ta' wara l-Għadira. Qed ngħid għal Foresta 2000.

Hemm fuq rajna f'hiex wasal il-proġett, u rajna kemm kibru s-siġar li ħawwilna aħna stess f'Diċembru li għadda! U kif konna hemm naturalment middejna għonqna biex ngħinu naqra lil Ray Vella, ir-rejnġer forestali li jieħu ħsieb il-proġett. Ma taniex xi biċċa xogħol iebsa: qabbadna naqilgħu s-siġar żgħar ta' l-akaċja li kienu qed jispuntaw madwar is-siġar indiġeni li qed jitħawlu f'dan il-post.

Wara li qlajna skoss akaċja u naddafna biċċa sew minnha, inżilna ngħumu u nagħmlu barbikju fil-bajja. Aħna u neżlin, għalkemm mhux xi żmien tajjeb għall-għasafar, irnexxielna naraw agrett abjad u fras-servjent jittajru fuq ir-riserva, kif ukoll qatgħa runduni viċin ta' fejn konna qed naħdmu.

Wara dak ix-xogħol, għawma niżlitilna għasel u anke waqt il-logħob u d-diskussjonijiet li kellna qabel waqt u wara l-ikel ħhadna gost! Fl-aħħarnett kulħadd rikeb il-vann u, bejn ċajt u oħra, rħejnielha lejn id-dar.



Matthew Borg Cardona

Testijiet li saru fuq trabi Amerikani minn *qabel* ma jitwieldu sabu li fid-demm tagħhom kien hemm iktar minn 200 (iva, mitejn) kimika velenuża! Dawn il-kimiċi lkoll ġew mit-tniġġis ta' l-arja, ta' l-ilma u tal-ħamrija, flimkien ma' l-imbarazz u "sustanzi" li jiżdiedu ma' l-ikel, li daħlu fis-sistema ta' l-ommijiet u li għaddew għat-trabi tagħhom!

# AttivitàFalko

## daqqa t'id fil-Foresta



**Minħabba** li l-attività li għamilna f'Lulju fil-Foresta kienet suċċess u minħabba li hemm ħafna xogħol x'isir f'dan il-proġett eċitanti, se nerġgħu nagħmlu attività bħalha. U naturalment, barbikju u għawma fil-bajja!

Data **Ġimgħa 26 Awwissu 2005**
Niltaqgħu **4pm il-Belt ħdejn tal-ħalib** jew **5.15pm l-Għadira**
Età **Falko 13+**
Min ġej iċempel lil Simon Sultana (79094104) biex jibbukkja l-ikel!

## fieldwork fil-Buskett



**Ħa ninżlu** nagħmlu ftit fieldwork il-Buskett. Fieldwork jiġifieri attività li fiha nistudjaw u nitgħallmu ftit iktar fuq il-ħajja naturali ta' dan il-wied bis-siġar. Tingħata attenzjoni speċjali fuq il-likeni (tiftakru fl-aħħar *Ħuttafa* paġna 6?)

Data **Sibt 10 Settembru 2005**
Niltaqgħu **8am Il-Belt ħdejn tal-ħalib** jew **9pm taħt it-Tinda**
Nispiċċaw **xi 11am**
Età **Falko 13+**

## ħajk f'Għawdex



**Immorru** nimxu ftit fil-gżira Għawdxija. Jekk tkun għamlet diġà xi ħalba xita, għandna naraw l-ewwel sinjali ta' ħajja li terġa' tieħu r-ruħ wara sajf jixwi l-ġrieden. Naturalment il-passa ta' l-għasafar tkun għadha fl-aqwa tagħha...

Data **Ħadd 9 Ottubru 2005**
Niltaqgħu **7.30am il-Belt ħdejn tal-ħalib** jew **8.30am iċ-Ċirkewwa**
Niġu lura **Wara nofsinhar**
Età **Falko 13+**












Nota: **ie** hija ittra waħda

# Tisliba

Desirée Falzon

It-tweġibiet ta' din it-tisliba ssibuhom kollha f'dil-ħarġa tal-*Ħuttafa*. Ibagħtu t-tweġibiet fuq karta jew skenjaw it-tisliba u ibagħtuhielna imejl - tqattgħux il-magażin. Min jirbaħ jirċievi l-ktieb *Għasafar Madwarna*. Ċans sa **20 Settembru 2005**.

**Mimdudin**

1 Iridu jaqbdu iktar balieni (p 4)
2 Dan pinġihulna Matthias (p 7)
3 Gallozz kbir fi New Zealand (p 4)
4 Brimba fuq il-faċċata (p 1)
5 Hawn qatgħu siġar kbar (p 3)
6 L-isem xjentifiku tal-kuda (p 5)
7 Xmara b'delta enormi (p 11)

**Wieqfa**

Ħuta żgħira ġdida (bl-Ingliż) (p 3)

Ir-rebbieħ ta' l-aħħar tisliba kien **Kenneth Barbara** minn San Ġiljan. Ken, il-ktieb fi triqtu għal għandek!

# Tinsewx l-artikla!



Jekk tkunu f'xatt bil-blat, fittxu fil-ħofor tal-blat u araw issibux l-**artikla ħadra**.

Mad-daqqa t'għajn taħsbuha pjanta, xi tip ta' alga bix-xniexel. Xejn minn dan, għax l-artikla hija annimal.

Għalkemm annimal, l-artikla ma ssibuhiex tgħum fil-baħar bħall-bram u bħall-ħut. Tarawha l-iktar imwaħħla mal-blat, spiss f'ilma baxx ħafna, għax trid id-dawl tax-xemx. Hija sabiħa immens, għax għandha xuxa sħiħa ta' swaba' li ħafna drabi jkunu ħodor bil-ponot vjola. U toqgħod ixxengel dik ix-xuxa biex tistad għal xi annimali żgħir.







**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.bbc.co.uk/nature/animals/**

**Janet Gerardi** ddur dawra ma' l-internet u ssibilna websajts interessanti fuq in-natura.

**BBC for Kids - Really Wild** hija websajt oħra għalikom fejn għandkom issibu xalata ta' informazzjoni, ritratti, videos u aħbarijiet dwar l-annimali u n-natura.

Fost affarijiet oħra ta' interess issibu kartolini elettroniċi li tistgħu tibagħtu lil ħbiebkom, logħob edukattiv, u anke tistgħu tisimgħu t-tisfir ta' xi għasafar u l-ħsejjes ta' annimali bħall-baliena.

U bilħaqq, tafu kif tittestjaw kemm hu intelliġenti l-pet tagħkom?

Komplu gawdu l-vaganzi ħbieb u tinsewx kultant tittawlu waħda fix-xibka!



Kultant fil-baħar insibu blalen żgħar ta' lewn roża ċar qishom magħmulin minn ċeramika fraġli ħafna. Ikunu vojti minn ġewwa u jkollhom ringieli ta' ponot żgħar. Dawn huma l-iskeletri tar-rizzi, u dawk il-ponot huma l-post fejn kienu mwaħħlin ix-xewk meta r-rizza kienet ħajja. Bl-Ingliż jgħidulhom *test.*



## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15-il punt fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______
liema skola jattendi ______

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
membership number ______ telefon ______ imejl ______
liema skola tattendi ______

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).



# Danube Delta

kitba u ritratti
**Alison Buttigieġ**

Fl-Ewropa wkoll għandna hotspots interessanti, bħal per eżempju d-Danube Delta fir-Rumanija, ġojjell naturali moħbi.

Ix-xmara Danube* tibda fil-Black Forest, il-Ġermanja. Minn hemm tagħmel vjaġġ ta' 2860km u tgħaddi minn 10 pajjiżi sa ma titbattal fil-Baħar l-Iswed. Fl-aħħar parti tal-vjaġġ li tinħoloq id-Danube Delta, post b'valur ekoloġiku kbir.

Hija l-ikbar delta fl-Ewropa, bl-ikbar medda ta' qasab (reedbed) fid-dinja. Barra l-ġmiel naturali tal-post u l-kwantità ta' ħabitats, dal-post magħruf għad-diversità ta' ħajja li tgħix fih - xi 300 speċi ta' għasafar (176 minnhom ibejtu), 1200 speċi ta' pjanta, 45 speċi ta' ħut ta' l-ilma ħelu eċċ. Dan il-post huwa l-iktar żona importanti ta' pellikani fid-dinja, wara dawk ta' l-Afrika. Hawnhekk ukoll jgħixu 60% tal-pygmy cormorants (tip ta' margun nanu) kollha tad-dinja. Eluf kbar ta' wiżż (geese) ukoll jgħaddu x-xitwa f'dawn l-inħawi.

Impressjonanti wkoll huwa l-ħut. Hawnhekk il-catfish faċli tikber iktar minn bniedem u kapaċi tibla' papra sħiħa f'salt!

Fortunatament, il-parti il-kbira tad-Danube Delta hija protetta. Fid-delta jgħixu anke xi 15000 ruħ, fil-biċċa l-kbira sajjieda. Dawn joqogħdu f'irħula sempliċi fejn lanqas karozza ma tara għax it-trasport isir kollu fuq ix-xmara. Meta tkun hemm tħoss li donnu l-arloġġ waqaf 100 sena ilu.

Aħna nisperaw li dan l-arloġġ jibqa' wieqaf għal ħafna u ħafna żmien!

*Minħabba li x-xmara Danube tgħaddi minn diversi pajjiżi, għandha ħafna ismijiet, fosthom Donau, Dunaj, Dunay, Dunav u Dunarea. Ed.

## X'inhi delta?

Meta xmara ssib art wiesgħa u ċatta qabel titbattal fil-baħar jew f'għadira, din tinferaq f'ħafna xmajjar żgħar. Dawn flimkien jieħdu forma ta' trijanglu, bħal sieq ta' għasfur - din hija delta. L-art hawnhekk tkun spiss mifqugħa bl-ilma, u tkun fertili għax ix-xmara tniżżel magħha ħafna ħamrija u tajn tul il-vjaġġ tagħha. Id-Danube, per eżempju, tkaxkar xi 67 miljun tunnellata sediment, u toħloq 40m ta' art ġdida fis-sena!

Delti oħrajn fl-Ewropa nsibuhom f'tarf ix-xmajjar **Ebro** (Spanja), **Po** (l-Italja) u **Rhône-Saone** (Franza). Ix-xmara **Nil** fl-Eġittu wkoll għandha delta enormi. Dawn l-erba' xmajjar kollha jifttħu fil-Baħar Mediterran.

Δ Delta hija l-ittra D bil-Grieg, li tinkiteb trijanglu wieqaf.



paletta



pellikani



żring



Xena tad-Danube


Tgħid għandna l-ħila nħallu
Xi rokna minn din l-art
Bla bini, golf, lukandi,
Bla radam u bla skart?
Fejn l-għajn tista' titpaxxa
Bil-beraħ u bil-ħdura
Fejn l-art u l-baħar jistgħu
Jinfexxu fin-natura
BirdLife
MALTA